VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,488, 23 ta' Ottubru, 2015*
*Taqsima C*

# Nru. 126

23. 10. 2015

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Carmelo Abela, M.P., Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-20 ta' Ottubru, 2015.

**ATT biex jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 10.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Carmelo Abela, M.P., Minister for Home Affairs and National Security, and read the First time at the Sitting of the 20th October, 2015.

**AN ACT to amend the Code of Police Laws, Cap. 10.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

VERŻJONI ELETTRONIKA



**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 10.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2015 li jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u għandu jinftiehem u jinqara ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 10.

**2.** L-artikolu 114 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 114 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu (1) ġdid li ġej:

"(1) Is-sid ta' dar u, jew l-Amministratur ta' *Condominia* għandhom, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn avviż maħruġ mill-Uffiċċju Elettorali, jimmarkaw fuq kull bieb ta' barra in-numru li jkun imiss lil dak il-bieb, taħt dawk it-termini u l-kondizzjonijiet kif jistgħu jiġu preskritti mill-Uffiċċju Elettorali f'dak l-avviż";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi imħassar; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2).

**3.** L-artikolu 115 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 115 tal-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali tiegħu l-kliem "Tibdil tan-numri tal-bibien ta' triq." għandhom jiġu sostitwit bil-kliem "Tismija

ta' toroq u tibdil tan-numri tal-bibien ta' triq.";

(b) il-kliem "il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Ministru responsabbli għall-Uffiċċju Elettorali";

(ċ) il-kliem "jew li jiġi mogħti isem ġdid lil biċċa minn triq" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew li jiġi mogħti isem ġdid lil xi triq jew parti minnha"; u

(d) il-kliem "jew b'avviż iffirmat mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew b'avviż maħruġ mill-Uffiċċju Elettorali".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanjijiet ta' dan l-Abbozz huma sabiex jittrasponu l-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq u d-Door re-numbering Unit mill-Ministeru responsabbli għax-xogħolijiet pubbliċi lill-Uffiċċju Elettorali.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Code of Police Laws, Cap. 10.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Code of Police Laws (Amendment) Act, 2015 and this Act shall be read and construed as one with the Code of Police Laws, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 10.

**2.** Article 114 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 114 of the principal Act.

(a) sub-article (1) thereof shall be substituted by the following new sub-article (1):

"(1) The owner of any house and, or the Administrator of any Condominium shall, within ten working days of a notice issued by the Electoral Office, mark each external door with the number pertaining to such door, under such terms and conditions as may be prescribed by the Electoral Office in such notice.";

(b) sub-article (2) thereof shall be deleted; and

(c) sub-article (3) thereof shall be renumbered as sub-article (2).

VERŻJONI ELETTRONIKA



Amendment of article 115 of the principal Act.

**3.** Article 115 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in the marginal note thereof for the words "Alteration of number of street doors." there shall be substituted the words "Street naming and alteration of number of street doors.";

(b) for the words "the Minister responsible for public works" there shall be substituted the words "the Minister responsible for the Electoral Office";

(c) for the words "or that a new name be given to a portion of any street" there shall be substituted the words "or that a new name be given to any street or a portion thereof"; and

(d) for the words "or by a notice signed by the Director of Public Works" there shall be substituted the words "or by a notice issued by the Electoral Office".

---

**Objects and Reasons**

The objects of this Bill are to transpose the Street Naming Committee and Door re-numbering Unit from the Ministry responsible for public works to the Electoral Office.

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**